C/2026/4904

17.9.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11895 — XXXLUTZ / PORTA)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/4904)

1. Fis-7 ta' Settembru 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— XXXLutz KG ("XXXLutz Group", l-Awstrija), ikkontrollata minn LSW Privatstiftung (l-Awstrija), u WSF Privatstiftung (l-Awstrija),

— Porta Group (il-Ġermanja), li jikkonsisti f'diversi kumpanniji u assi attwalment ikkontrollati minn Porta Holding KG (il-Ġermanja).

XXXLutz Group se jakkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll tal-intier tal-Porta Group.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' xiri ta' ishma u ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— XXXLutz Group, permezz ta' firxa ta' ditti, hija attiva fil-bejgħ bl-imnut ta' għamara, tagħmir tad-dawl u oġġetti oħra tad-dar fi ħwienet speċjalizzati f'ħafna pajjiżi tal-UE,

— Porta Group, permezz tal-marki tagħha "porta Möbel", "SB-Möbel Boss" u "Möbel Letz" fil-Ġermanja u "ASKO" fir-Repubblika Ċeka u fis-Slovakkja hija attiva fil-bejgħ bl-imnut ta' għamara, tagħmir tad-dawl u oġġetti oħra tad-dar fi ħwienet speċjalizzati.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11895 — XXXLUTZ / PORTA

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").